22005D0632R(01)

31.8.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA L 225/29

**Rettifika għad-Deċiżjoni Nru 4/2005 tal-Kumitat Konżunt KE-EFTA dwar it-transitu komuni tal-15 ta' Awwissu 2005 li temenda l-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' transitu komuni**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 334 M, tat-12 ta' Diċembru 2008)*

Id-Deċiżjoni Nru 4/2005 tal-Kumitat Konżunt KE-EFTA dwar it-transitu komuni għandha taqra:

**DEĊIŻJONI Nru 4/2005 TAL-KUMITAT KONĠUNT KE-EFTA DWAR IT-TRANSITU KOMUNI**

**tal-15 ta' Awwissu 2005**

**li temenda l-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar proċedura ta' transitu komuni**

(2005/632/KE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 dwar il-proċedura ta' transitu komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(3)(a) tagħha,

Billi:

(1) Is-sistema ta' transitu kompjuterazzata hija totalment operattiva fil-Partijiet Kontraenti kollha għall-Konvenzjoni dwar it-transitu komuni u s-sistema wriet li hija affidabbli u sodisfaċenti kemm għall-amministrazzjonijiet doganali kif ukoll għall-operaturi ekonomiċi.

(2) Taħt dawn iċ-ċirkostanzi m'għadux ekonomikament ġustifikat li jiġu permessi formalitajiet abbażi ta' dikjarazzjoni ta' transitu bil-miktub, li l-użu tagħha jimplika li l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati jdaħħlu manwalment id-*data* tad-dikjarazzjoni fis-sistema kompjuterizzata. Għaldaqstant, b'mod ġenerali, id-dikjarazzjonijiet ta' transitu kollha għandhom jitressqu bl-użu ta' teknoloġija ta' proċessar tad-*data*.

(3) Madankollu, id-deċiżjoni biex jiġu permessi dikjarazzjonijiet għat-transitu bil-miktub għandha titħalla għad-diskrezzjoni ta' kull Parti Kontraenti sabiex tiġi permessa konformità aħjar mal-kondizzjonijiet ġenerali fil-Parti Kontraenti.

(4) L-użu ta' dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub għandu jkun permess f'każijiet eċċezzjonali fejn sistema ta' transitu doganali kompjuterizzata jew l-applikazzjoni ta' l-operatur ma jkunux qed jiffunzjonaw, b'hekk l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jwettqu operazzjonijiet ta' transitu.

(5) Sabiex jippermettu lil min jivvjaġġa jwettaq operazzjonijiet ta' transitu l-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw l-użu ta' dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub, fejn min jivvjaġġa ma jkollux aċċess dirett għas-sistema ta' transitu kompjuterizzata.

(6) Peress li xi pajjiżi jeħtieġ jiżviluppaw u jimplimentaw l-għodda u l-kollegamenti meħtieġa sabiex jippermettu lill-operaturi ekonomiċi kollha jkunu kollegati mas-sistema ta' transitu kompjuterizzata, għandu jiġi previst perijodu transitorju li jippermetti l-użu ta' dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub.

(7) Ħlief f'każijiet fejn is-sistema ta' transitu kompjuterizzata doganali jew l-applikazzjoni tal-prinċipal ma tkunx qed tiffunzjona, l-awtoritajiet kompetenti li jaċċettaw dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub għandhom jiżguraw li d-*data* ta' transitu tkun skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u netwerks kompjuterizzati.

(8) Għaldaqstant il-Konvenzjoni għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi I tal-Konvenzjoni ta' l-20 ta' Mejju 1987 għandha tiġi emendata skond l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2005.

Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu jaċċettaw dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2006.

Fejn l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu li jaċċettaw dikjarazzjonijiet ta' transitu bil-miktub wara l-1 ta' Lulju 2005, id-deċiżjoni għandha tkun ikkomunikata minn qabel bil-miktub lill-Kummissjoni. F'dan il-każ l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi kkonċernati għandhom jiżguraw li d-*data* tat-transitu tkun skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta' teknoloġija ta' l-informatika u n-netwerks kompjuterizzati.

Magħmul f'Berna, 15 ta' Awwissu 2005.

*Għall-Kumitat Konġunt*

*Il-President*

Rudolf DIETRICH

---

([1]) ĠU L 226, 13.8.1987, p. 2. Konvenzjoni kif emendata l-aħħar permezz tad-Deċiżjoni Nru 3/2005 (ĠU L 189, 21.7.2005, p. 61).

*ANNESS*

L-Appendiċi I huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 17 għandu jiġi twit b'dan li ġej:

"*Artikolu 17*

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' transitu għandhom jitressqu fl-uffiċċju tat-tluq permezz ta' teknoloġija ta' l-ipproċessar tad-*data*.

2. Dikjarazzjonijiet ta' transitu mressqa permezz ta' l-iskambju ta' messaġġi *standard* EDI għandhom jirrispettaw l-istruttura u l-partikolarijiet stabbiliti fl-Appendiċi III.

3. Meta dikjarazzjoni ta' transitu titressaq billi fis-sistema ta' proċessar tad-*data* ta' l-awtoritajiet kompetenti tiddaħħal l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkompletati xi formalitajiet, id-dettalji tad-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Appendiċi III għandha tkun sostitwita bit-trasmissjoni għall-ipproċessar bil-kompjuter, lill-awtoritajiet kompetenti maħluqa għal dak l-għan, tad-*data* f'forma kodifikata jew kwalunkwe forma oħra speċifikata minn dawk l-awtoritajiet u ekwivalenti għad-dettalji meħtieġa għad-dikjarazzjonijiet bil-miktub.

4. Meta proċedura ta' transitu komuni fil-pajjiż ta' tluq issir wara trattament jew użu ieħor approvat mid-dwana, l-uffiċċju tat-tluq jista' jitlob li jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti.

5. Il-merkanzija għandha tkun ippreżentata flimkien mad-dokument ta' trasport. L-uffiċċju tat-tluq jista' jirrinunzja għall-ħtieġa li dan id-dokument jiġi ppreżentat meta l-formalitajiet doganali jkunu ġew ikkompletati, bil-kondizzjoni li dan id-dokument jinżamm għad-dispożizzjoni tiegħu."

2. L-Artikolu 18 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 18*

1. Il-merkanzija tista' titqiegħed taħt proċedura ta' transitu komuni permezz ta' dikjarazzjoni ta' transitu li ssir abbażi ta' formola li tikkorrispondi ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Appendiċi III u skond il-proċedura ddefinita mill-Partijiet Kontraenti bi qbil ma' xulxin

(a) meta s-sistema ta' transitu kompjuterizzata ta' l-awtoritajiet kompetenti ma tkunx qed tiffunzjona,

(b) meta l-applikazzjoni tal-prinċipal ma tkunx qed tiffunzjona;

2. L-użu ta' dikjarazzjoni ta' transitu bil-miktub taħt il-paragrafu 1(b) għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom japplikaw ukoll

(a) meta Parti Kontraenti tiddeċiedi hekk,

(b) fejn il-merkanzija tkun trasportata minn persuni li jivvjaġġaw li m'għandhom ebda aċċess dirett għas-sistema kompjuterizzata tad-dwana u b'hekk ma jkollhomx mezzi biex iressqu d-dikjarazzjoni ta' transitu bl-użu ta' teknoloġija ta' proċessar tad-*data* fl-uffiċċju tat-tluq. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jawtorizzaw li l-merkanzija titqiegħed taħt proċedura ta' transitu komuni permezz ta' dikjarazzjoni ta' transitu li ssir abbażi ta' formola li tikkorrispondi ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Appendiċi III.

F'dawn il-każijiet l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li d-*data* tat-transitu tkun skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti bl-użu ta't-teknoloġija ta' l-informatika u netwerks kompjuterizzati.

4. Id-dikjarazzjoni ta' transitu tista' tkun supplimentata b'formola komplimentari waħda jew aktar li jikkorrispondu għall-wieħed mill-mudelli stabbiliti fl-Appendiċi III. Il-formoli għandhom ikunu parti integrali tad-dikjarazzjoni.

5. Jistgħu jintużaw listi ta' tagħbija mhejjija skond il-mudell fl-Appendiċi III minflok il-formoli komplimentari bħala l-parti deskrittiva tad-dikjarazzjoni ta' transitu, li għandhom ikunu parti integrali tagħha

6. Il-formoli msemmija fil-paragrafi 1, 3 sa 5 għandhom ikunu kkompletati skond l-Appendiċi III. Huma għandhom ikunu stampati u kkompletati f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Partijiet Kontraenti aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż tat-tluq. Fejn meħtieġ, l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż involut fl-operazzjoni ta' transitu komuni jista' jitlob traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, ta' dak il-pajjiż.

7. L-Artikolu 17(4) u (5) għandhom japplikaw *mutatis mutandis*."